# Daħla mill-Arċipriet tal-Mosta u Direttur tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù

Parroċċa ħajja hija dejjem dinamika u qatt ma tkun monotona għax taqa' fir-rutina. Il-liturġija, l-amministrazzjoni tas-sagramenti u l-festi huma minnhom infushom mezzi ta' tiġdid kontinwu, iżda jekk ma' dawn jiżdiedu wkoll il-gruppi, l-għaqdiet u l-movimenti tal-appostolat, allura l-esperjenza parrokkjali tkompli tisseddaq bil-parteċipazzjoni ta' iżjed lajċi. Dan huwa s-sabiħ ta' parroċċa attiva u inklussiva. Il-parroċċa la hi tal-arċipriet u lanqas tal-kleru, imma hija l-għalqa tal-Mulej fejn kull nisrani jista' jgħix is-sejħa tiegħu ta' nisrani skont l-istat tiegħu. L-ispazji parrokkjali, fosthom il-knejjes, il-kappelli, iz-znieter u l-pjazez, l-oratorji, l-oqsma tal-MUSEUM u tal-bqija tal-għaqdiet tal-fidi joffru opportunitajiet fejn in-nies jinġemgħu biex jirċievu formazzjoni u tagħlim, u jingħaqdu flimkien f'attivitajiet li jkabbruhom u jressquhom lejn xulxin.

Għall-grazzja t'Alla, il-parroċċa tal-Mosta hija mogħnija b'diversi gruppi u organizzazzjonijiet lajċi u sekulari li jwettqu ħidma fejjieda tul is-sena kollha. Għandna minnhom li joperaw fil-qasam sportiv, fosthom tal-futbol u ċ-ċikliżmu, oħrajn jimpenjaw ruħhom fil-qasam kulturali u filantropiku, waqt li xi wħud jingħataw b'ruħhom u ġisimhom għall-ħidma fost it-tfal u ż-żgħażagħ bħal ma huma l-Boy Scouts, il-Girl Guides u ż-ŻAK (Żgħażagħ Azzjoni Kattolika). Ma jonqsux ukoll għaqdiet reliġjużi, uħud antiki u oħrajn aktar riċenti, li ħidmiethom tiswa mitqlu deheb għax kapaċi jwasslu l-kelma f'imkejjen u fi djar fejn is-saċerdot ma jkunx possibbli li jasal. Il-ħajja fil-parroċċa tkompli tisseddaq bil-kontribut tal-każini, fosthom dawk tal-baned u tal-politika, li bil-mod tagħhom jissoktaw joħolqu sens ta' inizjattiva u kulur fil-konfini tal-parroċċa. Kull għaqda, każin jew grupp għandu missjoni distinta x'jaqdi, imma lkoll flimkien jifformaw stampa wisq isbaħ ta' parroċċa mfawra bil-parteċipazzjoni u b'attivitajiet varjati li jeħduha kontra l-mardiet moderni tal-individwaliżmu u l-indifferenza.

Iżda mingħajr ma ndaħħlu paraguni għax dawn huma dejjem odjużi, ma nkunx sejjer imqarraq jekk ngħid li fost l-istituzzjonijiet parrokkjali ewlenin fil-Mosta hemm l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Opra reliġjuża li tmur lura għal ftit aktar minn mitt sena u li fi ħdanha ġew ifformati s-subien u l-ġuvintur Mostin kemm b'mod spiritwali u kif ukoll b'mod ċiviku. Dan kien l-iskop ewlieni li għalih twaqqaf l-Oratorju u hekk għadu sal-lum, għalkemm it-tibdil, it-tiġdid u l-innovazzjoni jibqgħu dejjem fil-kuntest ta' min imexxi llum u għad imexxi għada.

Kien ilu jinħass il-bżonn li l-istorja ta' din il-binja prinċipali fil-Mosta tkun irriċerkata u ddokumentata fi ktieb biex hekk isservi mhux biss ta' nostalġija għal min fl-imgħoddi għex il-ħajja Oratorjana imma, aktar minhekk, isservi ta' referenza għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Minn mindu ġejt il-Mosta mill-ewwel introduċewni mal-Oratorju. Kulħadd jgħidli kemm sar ġid fi ħdanu. Kemm eluf ta' tfal u żgħażagħ xorbu mit-tagħlim li kien isir fih. Kemm drammi famużi ttellgħu fuq il-palk u kemm kienu jkunu akkaniti l-kompetizzjonijiet tal-futbol li kienu jintlagħbu fil-grawnd tiegħu. Smajt kemm ħarġu avukati, għalliema, tobba, periti, politiċi, negozjanti, maniġers, ġurnalisti, ambaxxaturi, mastrudaxxi tajbin, *electricians* mustaċċuni, mekkaniks u esperti tal-kompjuter li lkoll kienu jattendu l-Oratorju. Fuq kollox kemm ħarġu missirijiet ta' familji mill-aħjar u vokazzjonijiet reliġjużi li għamlu ħafna ġid kull fejn marru. Dawn ilkoll jgħidu bi kburija li ħadu l-ewwel esperjenzi ta' ħajjithom fl-Oratorju - anki fl-oqsma li speċjalizzaw fihom wara - u llum kollha jitbissmulek jekk issejħilhom *old boys* tal-Oratorju. Anzi tagħmlilhom unur!

Meta assumejt ir-rwol tiegħi ta' arċipriet, intbaħt li fost il-lajċi impenjati li għandna joperaw fil-parroċċa numru sabiħ minnhom ħadu l-formazzjoni tagħhom fl-Oratorju u, bis-saħħa tal-ħafna għaqdiet li kien hemm joperaw fih, baqgħu hemm għal ħafna snin wara li għamlu l-Griżma. Ilkoll bl-istess kelma, 'Kemm kien sabiħ iż-żmien li qattajna fl-Oratorju!'. Għalhekk ħassejt il-ħtieġa li l-ġid kollu li wettaq l-Oratorju ma jibqax ikun ikkomunikat bil-fomm biss, imma jinkiteb fi ktieb u b'hekk nassiguraw il-permanenza tal-memorja storika u kollettiva. Għal dan ix-xogħol metikoluż indaħal Dr Mario Thomas Vassallo li jkolli ngħid li għamel biċċa xogħol validissima. Dan il-ktieb li għandek f'idejk huwa miktub b'mod mexxej ħafna, tant li m'għandix dubju li kulħadd se jieħu gost jaqrah għax qisek qed taqra storja li seħħet fuq medda ta' mitt sena. Storja mhux biss fis-sens ta' *history*, imma ukoll fis-sens ta' rakkont fejn jieħdu sehem ħafna karattri, iseħħu ħafna ġrajjiet, jinbtu ħafna praspar u ssir taf b'kurżitajiet li għandu mnejn ma kontx smajt bihom qabel. L-istorja tal-Oratorju hija waħda movimentata ferm, marbuta intrinsikament mal-istorja tal-parroċċa u mal-istorja tal-pajjiż, u għalhekk għandha tkun ta' interess kemm għal dawk li qattgħu żgħożithom fih u kemm għaż-żgħażagħ tal-lum li mhux neċessarjament qatt rifsu mill-għatba 'l ġewwa tiegħu. Lil Mario ilu nafu sew, ħafna iżjed qabel ġejt il-Mosta. Kont nafu bħala voluntier f'ħafna għaqdiet fejn mexxa bosta proġetti. Illum sirt nafu bħala kittieb u riċerkatur tal-affari tiegħu. Nifraħlu għal din il-biċċa xogħol kbira li għamel u li għamilha mill-qalb u b'mod voluntier għax il-qligħ kollu li se jifdal mill-bejgħ ta' din il-pubblikazzjoni se jmur kollu għall-fond tal-Oratorju.

Meta l-Arċisqof għoġbu jaħtarni arċipriet tal-Mosta fl-2011, assumejt mill-ewwel id-direzzjoni tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù taħt ir-responsabbiltà tiegħi. Ridt nerġa' nagħti l-ħajja lil din l-istituzzjoni ewlenija fil-Mosta wara ż-żmien ta' kważi nofs seklu li kienet għamlet taħt it-tmun ta' Dun Anġ Camilleri. Filwaqt li nsellem il-memorja għażiża u napprezza l-ħidma sfiqa ta' tant saċerdoti li mexxew l-Oratorju tul seklu sħiħ, ma nistax ma niqafx għal mument fuq il-persuna maħbuba ta' Dun Anġ li kien - u għadu - anki llum wara mewtu, idolu għal ħafna Mostin. Kien saċerdot li għex b'moħħu kollu, b'qalbu kollha u bl-abbiltajiet umani tiegħu s-sejħa speċjali li għamillu Alla; dik li

jkun qaddej fidil tiegħu fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Din is-sejħa qdieha matul il-ġurnata bħala għalliem u direttur tar-reliġjon fl-iskejjel, u flgħaxijiet u fi tmiem il-ġimgħa fl-Oratorju tal-Mosta. U din kienet ħidma li kien jaqdiha ta' kuljum. Għalih ma kienx hemm Ħdud u festi – sjuf u xtiewi – f'kull ġurnata tas-sena kont issibu jagħmel xi ħaġa ta' ġid mat-tfal u ż-żgħażagħ. Kienu l-enerġija li investa fih Alla l-Imbierek u l-grazzja li birkitu biha Ommna Marija li żammewh daqstant sod, determinat, ħabrieki u ferħan f'dan l-appostolat għal ħafna u ħafna snin sakemm saħħtu ħallietu għal kollox u kellu jirtira. Mhux ta' b'xejn li lil Dun Anġ jixraqlu tabilħaqq it-titlu ta' Dun Bosco tal-Mosta! Għalina s-saċerdoti, il-ħajja ta' servizz kontinwu, leali u mimli ferħ u fidi li ta Dun Anġ tal-Oratorju hija għajn naturali ta' ispirazzjoni.

Flimkien mar-riflessjonijiet tiegħi dwar ħidmet Dun Anġ u l-bqija tas-saċerdoti kollha li ħadmu qablu fl-Oratorju, ma nistax ma nurix l-istima tiegħi lil tant lajċi, ħafna minnhom żgħażagħ u oħrajn katekisti, li taw kontribut fit-tmexxija ta' din l-istituzzjoni u ta' tant għaqdiet li matul is-snin iffunzjonaw fi ħdanha. Is-sehem tal-lajċi huwa kruċjali, illum aktar minn qatt qabel, u din l-importanza ġiet aċċentwata b'aktar saħħa fil-Konċilju Vatikan II. Is-saċerdot ma jistax jaħdem waħdu. Mhux għax illum in-numru ta' vokazzjonijiet reliġjużi qiegħed kull ma jmur jonqos, imma l-aktar għax kull mgħammed huwa msejjaħ biex ikun ta' servizz fl-għalqa tal-Mulej. Kull mgħammed għandu vokazzjoni nisranija li jrid jgħix il-fidi mhux għalih u fih innifsu, imma biex dik il-fidi jwassalha, jaqsamha u jgħixha f'komunjoni mal-oħrajn. Dan huwa dak li ppruvaw jagħmlu fl-Oratorju fis-snin l-imgħoddija eluf ta' żgħażagħ Mostin li xi wħud minnhom llum xjaħu u mietu. Dan huwa dak li qegħdin jagħmlu llum iż-żgħażagħ tal-Grupp *ignite 18+,* iż-ŻAK u oħrajn bħalhom mħeġġin bl-inizjattiva u l-fidi fl-Oratorju ta' żminijietna. Għandi ammirazzjoni kbira għal dawn il-lajċi – tal-bieraħ u tal-lum – li l-Oratorju pprovdilhom kull opportunità biex iwasslu messaġġ nisrani permezz tal-isports, id-drama, il-kant, il-letteratura u tant attivitajiet oħrajn li jispontaw bil-gzuz minn ċentru taż-żgħażagħ stabbilit u organizzat kif għandu jkun.

Kif qed ngħidu, mill-Oratorju sar ħafna ġid kif jafu l-Mostin kollha u kif dan il-ktieb jagħti xhieda għalih. B'danakollu, kull ma hu mis-sema 'l isfel huwa suġġett għall-iskadenza. Alla biss kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem. Mill-bqija xejn m'hawn li hu perpetwu, lanqas l-istess bniedem, aħseb u ara l-istituzzjonijiet li ħoloq. U l-Oratorju tal-Mosta mhux eċċezzjoni. Meta ħadt f'idejja r-riedni tat-tmexxija tiegħu, sibt li l-Oratorju kien beda jixjieħ. Il-faċilitajiet fi ħdanu jinsabu fi ħtieġa gravi ta' aġġornament, ċerti riżorsi moderni baqgħu assenti waqt li oħrajn kien għadda żmienhom. U bdejna biex nagħtu injezzjoni ta' investiment ġdid biex l-Oratorju jerġa' jkun fil-qalba tal-parroċċa; issa mhux biss bħala mekka għat-tfal u ż-żgħażagħ, imma wkoll bħala ċentru fejn tista tiżvolġi ħafna mill-attivita' pastorali tal-parroċċa. L-Oratorju tal-lum u għada għandu jkun ta' servizz għal firxa akbar ta' għaqdiet li mhux neċesserjament huma taż-żgħażagħ. Minnu rridu nagħmlu dar naturali u komda minn fejn jistgħu joperaw tant movimenti reliġjużi, inkluż ukoll oħrajn ta' bixra sekulari. Irriduh post li jerġa' jibda jbaqbaq bl-attività kontinwa u r-riżorsi u l-faċilitajiet tiegħu jkunu miftuħa għal kull min irid jagħmel il-ġid fil-parroċċa u jxerred il-messaġġ tal-Vanġelu. B'dan il-ħsieb f'moħħna, f'dawn l-aħħar sentejn, wettaqna investiment kbir fl-immodernizzar tat-

teatru. Infaqna l-eluf biex bdilna s-sistemi tad-dwal u s-*sound*, inxtraw siġġijiet ġodda, inqalgħet l-art, ġew installati miżuri ġodda ta' sigurtà u tant affarijiet siewja oħra. Illum għandna teatru modern, mgħammar mill-aħjar biex jaqdi ħtiġijiet diversi. It-tieni fażi tal-immodernizzar li għandna f'moħħna huwa żgur in-naħa tal-*Youth Centre Area* fejn irid ikun żviluppat kunċett ġdid ta' kif tqassam u tgħammar l-istruttura li bħalissa tinsab xi ftit jew wisq battala. Dan il-proġett estensiv jitlob ħsieb, pjan, flus, riżorsi umani u ħin. Bil-għajnuna t'Alla, fiduċjużi li naslu. Mal-proġett tal-*Youth Centre Area* ma nistgħux ninsew il-manutenzjoni immedjata li teħtieġ li ssir fil-grawnd tal-futbol fejn il-ħaxix artifiċjali għandu jinqala', jinbidel u jkun installat mill-ġdid. Din tirrikjedi spejjeż kbar, imma meħtieġa ferm li ssir.

Il-bżonnijiet huma kbar u r-riżorsi huma dejjem limitati. Imma ninsabu determinati biex niggarantixxu futur sabiħ u li jixraq lill-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta. Għax hekk hemm bżonn fil-kuntest ta' tant realtajiet ġodda fil-ħajja parrokkjali tagħna. Il-parroċċa tal-Mosta għad għandha bżonn il-kenn u l-opportunità li jaf joffri l-Oratorju. Il-Mosta għad għandha ħtieġa tal-ispazji u l-faċilitajiet li għandu l-Oratorju biex jibqgħu jkunu ta' servizz mhux biss għat-tfal u ż-żgħażagħ, imma wkoll għall-familji, il-bqija tal-għaqdiet u ta' kull min għandu sens ta' rieda tajba biex ikun strumentali fl-appostolat nisrani u ċiviku.

Filwaqt li nafdaw f'Alla kull ħidma u inizjattiva tagħna, nirringrazzjawh tal-ġid kollu li sar u li qiegħed isir minn dan il-post. Minn naħa tagħna jeħtieġ li nissoktaw bil-ħidma fejjieda b'risq il-ġid spiritwali u materjali tal-ġenerazzjonijiet li telgħin biex ikompli joktor il-ġid bi profitt għalihom.

Mis-sema Marija Assunta tħarisna u twettaqna fil-fidi u fid-determinazzjoni li nwettqu r-rieda t'Alla.

Dun Albert Buhagiar
3 ta' Mejju 2016